MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 1013/2004

**Mirage Holdings Limited**

**Vs**

**Felice Mallia**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas tas-somma ta' Lm1361.78 (elf tlett mija u wiehed u sittin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu) import ta' kambjali li skadew izda baqghu ma thallsux, merkanzija mibjugha u kkonsenjata izda baqghet ma thallsitx, u interessi dovuti.

Bl-ispejjez u interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fil-21 ta’ Mejju 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fit-28 ta’ Gunju 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------